TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 452/11/GZ

**Spiridione u Antonia Buttigieg**

**vs**

**SMS Mondial Travel – Costantino Muscat**

Illum 29 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn sebgha u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€227.65), rapprezentanti parti mill-prezz li hallsu lis-socjeta' ntimata ghal 'tour' ta' Madrid, liema 'tour' ma kienx jinkludi dak li hallsu ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu hadu 'tour' minghand is-socjeta' ntimata ghal Madrid, Spain mit-12 ta' Lulju 2011 sad-19 ta' Lulju 2011, fejn kienu grupp ta' madwar tletin (30) persuna li hallsu ghall-'excursions' kollha u l-'half board', ghall-prezz ta' elf sitt mija sitta u ghoxrin Ewro (€1626.00) ghal zewg persuni.

Waqt dan it-tour, ir-rikorrenti ma marrux l-'excursions' kollha, izda marru l-'excursions' tal-Hadd u tat-Tnejn biss. Meta huma kienu bbukjaw u hallsu l-flus, is-socjeta' ntimata

kienet qaltilhom li l-ikel ta' filghaxija kien ser ikun 'buffet', pero' fil-fatt dan l-ikel ghal gimgha shiha qatt ma kien 'buffet', ansi kienu qishom qed jitolbu l-karita' biex igibulhom kwalita' ta' ikel. Ir-rikorrenti inghataw platti zghar hafna ta' ikel, u minbarra dan, is-Sibt filghodu l-grupp kwazi kollu spicca bid-diarrhea. Wara li gara hekk, ir-rikorrenti kienu lmentaw mar-reception tal-lukanda, fejn ir-'receptionist' kien cempel lil min kien jiehu hsieb l-ikel.

Ir-rikorrenti mbaghad marru ghand tabib gewwa Spanja, fejn gew informati illi kienu qed isofru minn 'food poisoning'. Ghal din il-vista r-rikorrenti kellhom ihallsu tnejn u hamsin Ewro (€52.00) lit-tabib u hames Ewro u hamsa u sittin centezmu (€5.65) tal-pinnoli.

Apparti mill-problema ta' l-ikel, il-lukanda stess ma kenitx ta' kwalita' tajba. Fil-kamra tar-rikorrenti kellhom it-tapit imqatta' u mhadda mahmuga.

Ir-rikorrenti ezebew ritratt ta' l-ikel li kienu jigu servuti, flimkien mal-korrispondenza taghhom mas-socjeta' ntimata rigwardanti l-ilmenti taghhom fuq din is-safra.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda tannetti l-kopja tal-korrispondenza li ghaddiet bejnha u bejn ir-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata ezebiet tali korrispondenza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-ircevuta datata 16 ta' Lulju 2011 ghall-pinnoli 'Imodium' fl-ammont ta' hames Ewro u hamsa u sittin centezmu (€5.65), li giet immarkata bhala Dok.AB1; flimkien ma' kopja ta' l-itinerarju tat-'tour' in kwistjoni li giet immarkata bhala Dok.AB2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ezebiet l-affidavit tat-'tour leader', Albert G. Storace.

Xehed Albert G Storace in kontro-ezami fejn, bil-gurament, stqarr illi huwa kien ghadda kull ilment li ghamlu r-rikorrenti lill-management tal-lukanda.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm is-socjeta' in kwistjoni responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghall-effett li seta' kellu l-ikel tal-lukanda fuq ir-rikorrenti. Ma ngabet l-ebda prova rigwardanti r-rabta bejn l-ikel tal-lukanda u l-allegat 'food poisoning' li soffrew minnu r-rikorrenti, u dana minbarra l-fatt illi lanqas biss ingabet prova rigwardanti l-ispejjez tat-tabib jew il-fatt illi l-imsemmi tabib wasal ghad-dijanjosi illi r-rikorrenti kienu qed isofru minn 'food poisoning'. It-Tribunal jinnota illi madanakollu s-socjeta' ntimata kienet offriet l-ammont ta' mitt Ewro (€100.00) bhala kumpens ghal danni sofferti mir-rikorrenti ghalkemm tali offerta saret minghajr pregudizzju, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' mitt Ewro (€100.00) u tordna lis-socjeta' ntimata thallas tali ammont lir-rikorrenti, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**